MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Numru. 149/2005

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)
vs
El Asrag El Sayed Hassan Yousef

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer gewwa Naxxar Trade Fair Grounds, fit-12 ta' Dicembru 2003 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' 'injali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-

merkanzija, jew bejgh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ mobile covers allegatament tad-ditta Nike u Manchester United u xi scarves u xi key chains allegatament tad-ditta Manchester United; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 298 (1) (a) (c) (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);
2. U aktar talli, fl-istess data, lok, u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil / jew taht il-Ligi ta’ Malta; (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex skond id-diskrezzjoi taghha, f’kaz ta’ htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitlba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil El Asrag El Sayed Hassan Yousef ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni;

Issibu hati;

Wara li rat l-Artikoli 298, 298B u 17 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 31 tal-Kap. 441;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi l-hati ikkopera mieghu matul l-investigazzjoni, irregistra ammissjoni, illi

ghandu fedina penali netta, ghalhekk ma tarax illi ghandha tapplika piena harxa;

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 u filwaqt illi tikkundannah ghall-multa ta’ LM 300, tilliberah bil-kondizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum;

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati l-import legali ta’ din is-sentenza.

Fuq talba tad-difiza l-Qorti qeghda tapplika l-Artikolu 14 tal-Kap. 9 u takkorda tnax il-xahar zmien ghall-hlas tal-multa.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggeti kollha esebiti mill-Ufficjal Prosekutur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------